

Brussell, 13 ta' Ġunju 2022
(OR. fr, en)

9751/22

ECOFIN 544
UEM 148
SOC 339
EMPL 221
COMPET 442
ENV 539
EDUC 212
RECH 335
ENER 250
JAI 804
GENDER 84
ANTIDISCRIM 64
JEUN 95
SAN 339

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9407/22 - COM(2022) 609 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Greċja tal-2022 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Greċja tal-2022

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2022) 609 final.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-Greċja tal-2022 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Greċja tal-2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

- (1) Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tipprova sostenn finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' riformi u investiment, li jinvolvi impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. Din tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investiment sostenibbli u li jsaħħu t-tkabbir, b'mod partikolari għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, filwaqt li tissaħħaħ ir-reżiljenza u t-tkabbir potenzjali tal-ekonomiji tal-Istati Membri. Tgħin ukoll biex jissaħħu l-finanzi pubbliċi sostenibbli u tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq perjodu medju u twil ta' żmien. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ser tiġi aġġornata f'Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

³ Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fl-24 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2022 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Dan ikkunsidra kif dovut l-Impenn Soċjali ta' Porto ffirmat fis-7 ta' Mejju 2021 biex ikompli jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022 fil-25 ta' Marzu 2022. Fl-24 ta' Novembru 2021, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifika il-Greċja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kienet meħtieġa analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2022, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ ("Rakkomandazzjoni tal-2022 dwar iż-żona tal-euro") fil-5 ta' April 2022 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fl-14 ta' Marzu 2022.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 153, 7.4.2022, p. 1).

- (3) L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, wara l-pandemija globali, biddlet b'mod sinifikanti l-kuntest ġeopolitiku u ekonomiku. L-impatt tal-invażjoni fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri nħass, fost l-oħrajn, permezz ta' prezzijiet oġhla tal-enerġija, l-ikel u l-materja prima, u prospettivi ta' tkabbir aktar dgħajfa. Il-prezzijiet oġhla tal-enerġija huma ta' piż partikolarment kbir fuq l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli li jgħixu fil-faqar enerġetiku jew li jinsabu friskju ta' faqar enerġetiku kif ukoll fuq l-aktar kumpanniji vulnerabbli għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. L-Unjoni qed tesperjenza wkoll influż bla preċedent ta' nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. L-effetti ekonomiċi li rriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kellhom impatt asimmetriku fuq l-Istati Membri. F'dan il-kuntest, fl-4 ta' Marzu 2022, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE⁵ ġiet attivata għall-ewwel darba permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382⁶, li tat lill-persuni spostati mill-Ukrajna d-dritt li jibqgħu legalment fl-Unjoni, kif ukoll aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, is-suq tax-xogħol, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-assistenza soċjali.

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1).

- (4) B'kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika u ġeopolitika li qed tinbidel malajr, is-Semestru Ewropew jerġa' jibda l-koordinazzjoni wiesgħa tiegħu tal-politika ekonomika u tal-impjegi fl-2022, filwaqt li jevolvi f'konformità mar-rekwiżiti ta' implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif deskritt fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza adottati hija essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa fiċ-ċikli tas-Semestru Ewropew tal-2019 u l-2020. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 u tal-2020 jibqgħu ugwalment rilevanti wkoll għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż oħra maħruġa sad-data tal-preżentazzjoni ta' tali pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati.
- (5) Il-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ilha attiva minn Marzu 2020. Fil-komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Marzu 2021 intitolata "Sena mit-tifqigħa tal-COVID-19: rispons tal-politika fiskali", il-Kummissjoni spjegat il-fehma tagħha li d-deċiżjoni dwar id-diżattivazzjoni jew il-kontinwazzjoni tal-applikazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali jenħtieġ li tittieħed fuq il-bażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-istat tal-ekonomija, bil-livell ta' attività ekonomika fl-Unjoni jew fiż-żona tal-euro meta mqabbel mal-livelli ta' qabel il-kriżi (tmem l-2019) bħala l-kriterju kwantitattiv ewlieni. Inċertezza akbar u riskji negattivi qawwiya għall-perspettiva ekonomika fil-kuntest tal-gwerra fl-Ewropa, żidiet bla preċedent fil-prezzijiet tal-enerġija u disturbi kontinwi fil-katina tal-provvista jiġġustifikaw l-estensjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir sal-2023.

- (6) Skont l-approċċ fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021⁷ dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 tal-Greċja, il-pożizzjoni fiskali ġenerali attwalment titkejjel l-aħjar bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19) iżda inkluża n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju⁸. Lil hinn mill-pożizzjoni fiskali ġenerali, sabiex jiġi vvalutat jekk il-politika fiskali nazzjonali hijiex prudenti u jekk il-kompożizzjoni tagħha twassalx għal irkupru sostenibbli konsistenti mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, tingħata wkoll attenzjoni lill-evoluzzjoni tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment⁹ (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19) u l-investment.

⁷ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 tal-Greċja (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 33).

⁸ L-istimi dwar il-pożizzjoni fiskali u l-komponenti tagħha f'din ir-Rakkomandazzjoni huma stimi tal-Kummissjoni bbażati fuq is-suppożizzjonijiet sottostanti għat-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni. L-istimi tal-Kummissjoni ta' tkabbir potenzjali fuq terminu medju ma jinkludux l-impatt pożittiv tar-riformi li huma parti mill-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali.

⁹ Mhux iffinanzjati minn għotjiet fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew fondi oħra tal-Unjoni.

- (7) Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida wiesgħa għall-politika fiskali fl-2023 ("il-gwida fiskali") li għandha l-għan li tappoġġa t-tħejjija tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni ta' politika. Il-Kummissjoni nnotat li, abbażi tal-prospettiva makroekonomika tat-tbassir tax-xitwa 2022, it-tranżizzjoni minn pożizzjoni fiskali aggregata ta' appoġġ fl-2020-2022 għal pożizzjoni fiskali aggregata ġeneralment newtrali, filwaqt li tinsab lesta li tirreaġixxi għas-sitwazzjoni ekonomika li qed tevolvi, tidher xierqa fl-2023. Il-Kummissjoni ħabbret li r-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 jenħtieġ li jkomplu jiddifferenzjaw bejn l-Istati Membri u jqisu l-effetti konsegwenzjali possibbli bejn il-pajjiżi. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jirriflettu l-gwida fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi ekonomiċi u taġġusta l-gwida politika tagħha kif meħtieġ u mhux aktar tard mill-pakkett tagħha tar-rebbiegħa tas-Semestru Ewropew tal-aħħar ta' Mejju 2022.
- (8) Fir-rigward tal-gwida fiskali, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 iqisu l-perspettiva ekonomika li marret għall-agħar, l-inċertezza akbar u aktar riskji negattivi, u l-inflazzjoni oġhla meta mqabbla mat-tbassir tax-xitwa 2022 tal-Kummissjoni. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-rispons fiskali għandu jespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija, u jsostni l-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli sabiex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezz tal-enerġija u jgħin biex jiġu limitati l-pressjonijiet inflazzjonarji mill-effetti sekondarji permezz ta' miżuri mmirati u temporanji. Il-politika fiskali għandha tibqa' aġli sabiex taġġusta għaċ-ċirkostanzi li qed jevolvu b'mod rapidu, inkluż l-isfidi li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fir-rigward tad-difiża u s-sigurtà, u għandha tiddistingwi bejn l-Istati Membri skont is-sitwazzjoni fiskali u ekonomika tagħhom, inkluż fir-rigward tal-esponiment tagħhom għall-kriżi u l-influss ta' persuni spostati mill-Ukrajna.

- (9) Fis-27 ta' April 2021, il-Greċja ppreżentat il-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stipulati fl-Anness V ta' dak ir-Regolament. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja¹⁰. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li ssostni li l-Greċja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treggħet lura.
- (10) Fit-30 ta' April 2022, il-Greċja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2022 u, fid-29 ta' April 2022, il-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2022, f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Greċja dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.

¹⁰ ST 10152/2021.

- (11) Il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2022 għall-Greċja fit-23 ta' Mejju 2022. Hija vvalutat il-progress tal-Greċja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill fl-2019, l-2020 u l-2021, u ħadet kont tal-implimentazzjoni tal-Greċja tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, li jibni fuq it-tabella ta' valutazzjoni għall-irkupru u r-reżiljenza. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti, inkluż dawk li jirriżultaw mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Huwa vvaluta wkoll il-progress tal-Greċja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għall-Greċja u ppubblikat ir-riżultati tagħha fit-23 ta' Mejju 2022. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Greċja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. Il-vulnerabbiltajiet huma relatati ma' dejn għoli tal-gvern, riekwilibriju estern mhux komplut u self improduktiv għoli, f'kuntest ta' tkabbir potenzjali baxx u qgħad għoli.
- (13) Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat. Dak ir-rapport jiddiskuti l-qagħda baġitarja tal-Greċja, billi fl-2021 id-defiċit tal-gvern estiż tagħha qabeż il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG). Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju tad-defiċit ma kienx issodisfat. F'konformità mal-komunikazzjoni tat-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbieġha tal-2022 u ser tivvaluta mill-ġdid jekk ikunx meħtieġ li jiġi propost li jinfetħu tali proċeduri fil-ħarifa tal-2022.

- (14) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-20 ta' Lulju 2020¹¹, il-Kunsill irrakkomanda lill-Greċja biex fl-2020 u fl-2021 tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali, biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija tal-COVID-19, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru li jirriżulta. Huwa rrakkomanda wkoll li l-Greċja, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, timxi fuq politiki fiskali mmirati biex jinkisbu pożizzjonijiet fiskali prudenti fi żmien medju u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li jissaħħaħ l-investment. Fl-2021, skont data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Greċja niżel minn 10,2 % tal-PDG fl-2020 għal 7,4 %. Ir-rispons tal-politika fiskali mill-Greċja appoġġa l-irkupru ekonomiku fl-2021, filwaqt li l-miżuri temporanji ta' emerġenza naqsu minn 7,6 % tal-PDG fl-2020 għal 7,2 % fl-2021. Il-miżuri li ħadet il-Greċja fl-2021 kienu konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020. Il-miżuri baġitarji diskrezzjonarji adottati mill-Gvern fl-2020 u l-2021 kienu temporanji jew imqabbla b'miżuri ta' tpaċija. Skont data vvalidata mill-Eurostat, id-dejn tal-gvern estiż naqas minn 206,3 % tal-PDG fl-2020 għal 193,3 % tal-PDG fl-2021.

¹¹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tal-Greċja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 tal-Greċja (ĠU C 282, 26.8.2020, p. 46).

(15) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projettazzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 huwa realistiku għall-2022 u favorevoli għall-2023. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 jipprojetta li l-PDG reali jiżdied bi 3,1 % fl-2022 u b'4,8 % fl-2023. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali oġhla ta' 3,5 % fl-2022 u tkabbir tal-PDG reali aktar baxx ta' 3,1 % fl-2023. Id-differenza bejn it-tbassir hija prinċipalment xprunata mis-suppożizzjonijiet differenti dwar il-pass tal-assorbiment tal-fondi tal-Unjoni kif ukoll dwar l-impatt tal-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari fuq il-konsum privat. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2022, il-Gvern jistenna li d-defiċit nominali ser jonqos għal 4,4 % tal-PDG fl-2022 u għal 1,4 % fl-2023. It-tnaqqis fl-2022 jirrifletti prinċipalment l-irkupru li għaddej fl-attività ekonomika u t-tneħħija tal-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' emerġenza. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG huwa mistenni li jonqos bil-qawwa għal 180,2 % fl-2022 u li jonqos għal 168,6 % fl-2023. Fuq il-bażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern għall-2022 u l-2023 ta' 4,3 % tal-PDG u 1,0 % rispettivament. Dan huwa ġeneralment konformi mad-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022. Minkejja d-differenza fit-tkabbir tal-PDG reali, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jassumi tkabbir aktar dinamiku fil-prezzijiet u fil-pagi kemm għall-2022 kif ukoll għall-2023, u b'hekk jipprojetta dħul oġhla mit-tassazzjoni fuq l-introjt personali. It-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon oġhla ta' dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 185,7 % fl-2022 u 180,4 % fl-2023. Id-differenza hija dovuta għal stima differenti tad-differenzi bejn il-bilanċi fiskali tal-flus u tad-dovuti kif ukoll suppożizzjoni differenti fuq l-akkumulazzjoni netta tal-assi finanzjarji. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni, l-istima attwali tat-tkabbir potenzjali tal-produzzjoni fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) hija ta' -0,3 %. Madankollu, dik l-istima tirrifletti parzjalment il-perjodu ta' riċessjoni ekonomika qawwija li l-Greċja għaddiet minnu u ma tinkludix l-impatt tar-riformi li huma parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali tal-Greċja.

(16) Fl-2022, il-gvern neħħa gradwalment il-maġġoranza tal-miżuri meħuda b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19, b'tali mod li l-miżuri temporanji ta' emerġenza huma pproġettati li jonqsu minn 7,2 % tal-PDG fl-2021 għal 1,8 % fl-2022. Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat mill-miżuri adottati biex jikkumbattu l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, li fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni huma stmati għal 1,1 % tal-PDG fl-2022 u l-ebda impatt fiskali fl-2023 billi huma pplanati li jitneħħew gradwalment¹². Dan l-impatt fuq id-defiċit huwa parzjalment ikkompensat minn dħul ogħla mill-kwoti tal-emissjonijiet. Dawk il-miżuri jikkonsistu prinċipalment f'sussidji lill-utenti tal-enerġija, trasferimenti soċjali lil unitajiet domestiċi ifqar u tnaqqis fit-taxxi indiretti fuq is-servizzi tat-trasport. Dawk il-miżuri tħabbru bħala temporanji. Wara l-preżentazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà tal-Greċja u d-data ta' skadenza tat-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni, il-Gvern ħabbar pakkett ġdid ta' miżuri għall-2022, li għandhom l-għan li jindirizzaw il-konsegwenzi taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. F'każ li l-prezzijiet tal-enerġija jibqgħu għoljin fl-2023, xi wħud minn dawk il-miżuri jistgħu jitkomplew. Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat ukoll mill-ispiża biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna, li fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni hija pproġettata li tkun 0,1 % tal-PDG fl-2022 u 0,1 % fl-2023¹³.

¹² Iċ-ċifri jirrappreżentaw il-livell tal-ispejjeż baġitarji annwali ta' dawk il-miżuri meħuda mill-ħarifa tal-2021, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll – fejn rilevanti – il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹³ Huwa maħsub li l-għadd totali ta' persuni spostati mill-Ukrajna lejn l-Unjoni ser jilħaq gradwalment is-6 miljuni sa tmiem l-2022, u d-distribuzzjoni ġeografika tagħhom hija stmata fuq il-bażi tad-daqs tad-dijaspora eżistenti, il-popolazzjoni relattiva tal-Istat Membru riċevanti, u d-distribuzzjoni reali ta' persuni spostati mill-Ukrajna madwar l-Unjoni f'Marzu 2022. Għall-ispejjeż baġitarji għal kull persuna, l-istimi huma bbażati fuq il-mudell ta' mikrosimulazzjoni tal-Euromod taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu kemm it-trasferimenti ta' flus kontanti li n-nies jistgħu jkunu eliġibbli għalihom kif ukoll il-benefiċċji in natura bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa.

- (17) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 il-Greċja għandha tuża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru filwaqt li ssegwi politika fiskali prudenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Greċja, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politika fiskali mmirata biex tikseb pożizzjonijiet fiskali prudenti ta' perjodu medju u tiżgura s-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju u, fl-istess ħin, issaħħaħ l-investiment biex tingħata spinta lill-potenzjal tat-tkabbir.

(18) Fl-2022, skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2022 tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tal-Greċja, il-pożizzjoni fiskali hija pprojetata li tkun ta' appoġġ fil-livell ta' -3,3 % tal-PDG¹⁴. Il-Greċja qed tippjana li ttiprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali kif rakkomandat mill-Kunsill. Il-kontribuzzjoni pożittiva lejn l-attività ekonomika tan-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pprojetata li tiżdied b'0,2 punti perċentwali tal-PDG, imqabbel mal-2021. L-investment iffinanzjat f'livell nazzjonali huwa pprojetat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0,8 punti perċentwali tal-PDG fl-2022¹⁵. Għalhekk, il-pjanijiet tal-Greċja jippreservaw l-investment iffinanzjat nazzjonalment, kif rakkomandat mill-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2022 huwa pprojetat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 2,2 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Dik il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti tinkludi l-impatt addizzjonali tal-miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (0,6 % tal-PDG) kif ukoll l-ispejjeż biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (0,1 % tal-PDG), filwaqt li ż-żieda fin-nefqa għall-pensjonijiet u l-benefiċċji soċjali hija wkoll ipprojetata li tikkontribwixxi (0,6 % tal-PDG) għat-tkabbir fin-nefqa kurrenti netta. Skont it-tbassir tal-Kummissjoni, dawn il-miżuri mhumiex kompletament akkumpanjati minn miżuri ta' tpaċija.

¹⁴ Sinjal negattiv tal-indikatur jikkorrispondi għal eċċess tat-tkabbir fin-nefqa primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fit-terminu medju, li jindika politika fiskali espansjonarja.

¹⁵ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pprojetata li ttiprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0,1 punt perċentwali tal-PDG.

- (19) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pprojetata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni li tkun fil-livell ta' +1,5 % tal-PDG fuq suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika¹⁶. Il-Greċja hija pprojetata li tkompli tuża l-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2023 biex tiffinanzja investment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru. Il-kontribuzzjoni pożittiva għall-attività ekonomika tan-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pprojetata li tonqos b'0,3 punt perċentwali tal-PDG meta mqabbla mal-2022, li jirrifletti l-fażi tal-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid għal fondi oħra tal-Unjoni. L-investment iffinanzjat fl-livell nazzjonali huwa pprojetat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0,6 punt perċentwali tal-PDG fl-2023¹⁷. Fl-istess waqt, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2023 huwa pprojetat li jipprovdi kontribuzzjoni kontrazzjonarja ta' 1,7 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Dan jinkludi l-impatt mit-tneħħija gradwali tal-miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija ta' 1,1 % tal-PDG.
- (20) Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos gradwalment għal 0,4 % tal-PDG fl-2024 u għal 0,1 % sal-2025. Għalhekk, id-defiċit tal-gvern estiż hu ppjanat li jibqa' għal inqas minn 3 % tal-PDG matul l-orizzont tal-programm. Dawk il-projezzjonijiet jassumu li l-irkupru ekonomiku ser ikompli u jqisu l-estensjoni tat-tnaqqis li jiffavorixxi t-tkabbir fis-soprataxxa ta' solidarjeta' applikata flimkien mat-taxxa fuq l-introjtu personali, u fil-kontribuzzjonijiet ta' solidarjeta' soċjali. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG huwa mistenni li jonqos, b'mod speċifiku bi tnaqqis sa 155,2 % fl-2024 u li jkompli jonqos għal 146,5 % fl-2025. Skont l-analiżi tal-Kummissjoni, jidher li hemm riskju għoli fuq perjodu medju ta' żmien fejn tidħol is-sostenibbiltà tad-dejn.

¹⁶ Sinjal pożittiv tal-indikatur jikkorrispondi għal nuqqas tat-tkabbir fin-nefqa primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fit-terminu medju, li jindika politika fiskali espansjonarja.

¹⁷ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pprojetata li tipprovdi kontribuzzjoni newtrali ta' 0,0 punti perċentwali tal-PDG.

(21) Filwaqt li jibnu fuq ir-riformi mwettqa bħala parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, il-modifiki fil-qafas tal-politika tat-taxxa tal-Greċja jistgħu jgħinu biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fl-investment. B'mod aktar speċifiku, l-introduzzjoni ta' sistema ta' deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem b'firxa usa' tista' ssaħħaħ iċ-ċertezza legali għall-investituri u ssaħħaħ l-isforzi kontinwi biex tiġi ssimplifikata s-sistema tat-taxxa. Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-aħjar prattiki minn Stati Membri oħra, rieżami tat-taxxa ta' somma f'daqqa annwali eżistenti fuq dawk li jaħdmu għal rashom (minbarra t-taxxa fuq l-introjtu personali) jista' jtejjeb l-istruttura tal-piż tat-taxxa fuq dawk li jaħdmu għal rashom, jinkoraġġixxi l-konformità volontarja tat-taxxa, u jappoġġa l-investimenti. Il-Greċja qed tkompli tieħu passi biex timmodernizza l-amministrazzjoni pubblika tagħha, iżda l-prestazzjoni ġenerali tagħha għadha baxxa, li hija parzjalment dovuta għall-isfida li tattira u żżomm persunal ta' kalibru għoli. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih miżuri li għandhom l-għan li jtejjbu l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika, b'enfasi partikolari fuq it-titjib tas-servizzi diġitali tagħhom. Lil hinn mill-miżuri li huma parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, il-Greċja qed tagħmel progress fl-istabbiliment ta' sistema integrata ta' ġestjoni tar-riżorsi umani b'tabelli organizzattivi diġitali għall-entitajiet tas-settur pubbliku u deskrizzjonijiet tal-impjiegi għall-karigi kollha li issa huma fis-seħħ. Dan huwa mistenni li jiffaċilita l-allokazzjoni tar-riżorsi skont il-ħtiġijiet identifikati u prijoritizzati. Fl-istess ħin, filwaqt li l-għadd ta' uffiċjali permanenti nżamm ġeneralment stabbli bis-saħħa tar-regola ta' persuna waħda għar-reklutaġġ li għadha fis-seħħ, kien hemm żieda qawwija fil-persunal temporanju bi kważi 25 % mill-2018. Iż-żieda fid-daqs tal-amministrazzjoni pubblika tista' treġġa' lura l-isforzi li saru biex il-kont tal-pagi tal-Greċja (meta mqabbel mal-PDG) jitmexxa lejn il-medja tal-Unjoni. Lil hinn mir-riskju fiskali, minħabba li l-proċess tal-għażla għal karigi temporanji mhux daqshekk rigoruż daqs il-karigi permanenti, dan jista' jdgħajjef l-integrità tal-proċess tal-għażla l-ġdid stabbilit għall-impjegati taċ-ċivil permanenti. Il-kontinwazzjoni tar-regola ta' persuna waħda għar-reklutaġġ għall-persunal permanenti, li ġiet ikkomplementata bl-istabbiliment ta' limitu massimu għall-persunal temporanju li qed jiġi applikat mill-2022, tistabbilixxi qafas ġenerali biex jissaħħaħ il-kontroll ċentrali tal-kiri b'mod li tippermetti li l-għadd ta' persunal jimxi lejn il-livelli ta' qabel il-pandemija.

Jekk jitwettaq it-tnaqqis mistenni fil-livelli ġenerali tal-persunal, dan jista' jippermetti li l-livelli ta' remunerazzjoni jiġu aġġustati għal karigi u entitajiet speċifiċi meqjusa kritiċi u fejn l-amministrazzjoni pubblika qed tiffaċċja diffikultajiet biex tattira u żżomm persunal ikkwalifikat. Dan jista' jinvolvi li d-deskrizzjoni tal-impjieg tintrabat ma' grilja tal-pagi supplimentari jew li tiġi stabbilita grilja tal-pagi speċjali għal entitajiet speċifiċi tas-settur pubbliku (pereż. regolaturi tas-suq), billi approċċi sistematiċi bħal dawn ma jirriskjawx li jimminaw il-grilja tal-pagi unifikata u huma konsistenti ma' politika fiskali prudenti. Fl-aħħar nett, filwaqt li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi miżuri biex jissaħħu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, għad hemm lok għal aktar azzjonijiet biex tiżdied l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh u tan-nisa, biex jiġi appoġġat suq tax-xogħol inklużiv mibni fuq aktar impjiegi u impjiegi aħjar.

(22) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin bi skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni li għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026. Dawn jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Greċja mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u l-2020, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż maħruġa sad-data tal-adozzjoni ta' pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. B'mod partikolari, dawk ir-rakkomandazzjonijiet jindirizzaw il-kwalità u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi; l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa; politiki attivi tas-suq tax-xogħol; politiki li jappoġġjaw l-investiment pubbliku fl-edukazzjoni, il-ħiliet u l-impjegabbiltà; ir-riċerka u l-iżvilupp; it-trasport u l-loġistika sikuri, intelliġenti, sostenibbli u reżiljenti; il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, inklużi proġetti ta' enerġija rinnovabbli u ta' interkonnessjoni; l-infrastruttura ambjentali; it-tiġdid ta' oqsma urbani; u t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika u tan-negozji. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi wkoll għadd sinifikanti ta' miżuri li jindirizzaw l-isfidi fir-rigward tal-politiki strutturali fiskali, il-benesseri soċjali, l-istabbiltà finanzjarja, is-swieq tax-xogħol u tal-prodotti, u l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, li kollha kemm huma jsegwu, iwessgħu u jikkomplementaw l-impenji ta' wara l-programm. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih ukoll miżuri li jtejbu l-kompetittività u jippromwovu l-investiment privat billi jtejbu l-ambjent tan-negozju u jissimplifikaw il-qafas regolatorju. Dawk ir-riformi huma kkomplementati minn faċilità ta' self li hija maħsuba biex tincëntiva l-investiment privat f'setturi trasformattivi tal-ekonomija, inkluż it-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali.

- (23) L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Greċja hija mistennija li tikkontribwixxi biex isir aktar progress fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi fil-Greċja jammontaw għal 37,5 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li l-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal 23,3 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri rilevanti, ser tgħin lill-Greċja tirkupra malajr mill-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, filwaqt li ssaħħaħ ir-reżiljenza tagħha. L-involviment sistematiku tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, biex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.
- (24) Il-pjan tal-Greċja għall-irkupru u r-reżiljenza jistabbilixxi qafas ta' ġestjoni komprensiv għall-koordinazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-miżuri ta' investiment u ta' riforma. Madankollu, l-implimentazzjoni attwali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tiddependi b'mod kruċjali fuq il-kapaċità amministrattiva u ta' implimentazzjoni tal-korpi ta' implimentazzjoni u jeħtieġ li tiġi mmonitorjata mill-qrib. Is-servizzi tekniċi tal-amministrazzjoni reġjonali u lokali, inklużi l-kumpaniji municiċipali, huma mistennija li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' għadd ta' komponenti, u l-kapaċità amministrattiva tagħhom, b'mod partikolari għall-municiċipalitajiet iż-żgħar, normalment tkun ristretta u jkun importanti li l-appoġġ addizzjonali mil-livell ċentrali jkun disponibbli meta jkun meħtieġ. Ir-rispett tal-iskedi ta' żmien stretti, ir-reazzjoni rapida għall-imblukkar u s-sejba ta' soluzzjonijiet ser ikunu kritiċi għall-implimentazzjoni bla xkiel tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Grupp ta' ħidma interministerjali ta' livell għoli biex jindirizza l-konġestjonijiet jista' jkun utli. Fl-aħħar nett, f'termini tal-koordinazzjoni ġenerali, l-Aġenzija tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li hija parti mill-Ministeru tal-Finanzi, ser ikollha rwol ewlieni u huma mistennija li jiġu assenjati lilha riżorsi suffiċjenti, filwaqt li l-kollaborazzjoni mill-qrib tal-Aġenzija tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u s-Segretarjat Ġenerali għall-Koordinazzjoni, li huwa responsabbli għall-koordinazzjoni tal-miżuri ta' riforma, hija essenzjali.

- (25) Il-Kummissjoni approvat il-Ftehim ta' Sħubija tal-Greċja, previst fir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸, fid-29 ta' Lulju 2021. F'Ottubru u Novembru 2021, il-Greċja ppreżentat il-21 programm tal-politika ta' koeżjoni tagħha lill-Kummissjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1060, il-Greċja qieset ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti fl-ipprogrammar tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027. Dan huwa prerekwiżit għat-titjib tal-effettività u l-massimizzazzjoni tal-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jiġu promossi l-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u l-koerenza bejn dawk il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u strumenti u fondi oħra tal-Unjoni. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni tiddependi wkoll mit-tneħħija ta' ostakli għall-investment biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-iżvilupp territorjali bbilanċjat.

¹⁸ Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

(26) Wara li fl-2018 temmet b'suċċess il-programm tal-assistenza finanzjarja fil-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, il-Greċja kienet soġġetta għal sorveljanza msaħħa f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹. Is-sorveljanza msaħħa serviet għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' impenji speċifiċi mogħtija mill-Greċja lill-Grupp tal-Euro fit-22 ta' Ġunju 2018 biex jitlestew ir-riformi strutturali ewlenin li nbdew permezz tal-programm. L-implimentazzjoni ta' dawk l-impenji, sa skadenzi miftiehma sa nofs l-2022, isservi bħala bażi għall-ħelsien mid-dejn; għalhekk, il-Greċja daħlet fl-aħħar sena ta' dak l-arranġament. Kif irrapportat fl-14-il rapport dwar is-sorveljanza msaħħa ppubblikat fit-23 ta' Mejju 2022, minkejja ċ-ċirkostanzi diffiċli tal-pandemija u aktar reċentement l-impatt ekonomiku tal-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Greċja implimentat b'mod effettiv il-biċċa l-kbira tal-impenji ta' politika, li tejbet ir-reżiljenza tal-ekonomija Griega u saħħet l-istabbiltà finanzjarja tagħha. Madankollu, xi elementi għad iridu jitlestew kompletament. Dan huwa partikolarment il-każ għat-tlestija tal-katast nazzjonali, li jkompli jtejjeb il-klima tan-negozju tal-Greċja. Il-progress kien sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, u l-katast sħiħ huwa mistenni li jitlesta sa Diċembru 2022. L-implimentazzjoni tal-katast ġiet appoġġata mill-Fondi Strutturali tal-Unjoni. Aktar reċentement, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tipprovdi appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tar-reġistrazzjonijiet u l-atti tad-drittijiet tal-proprjetà. Fil-kuntest tal-proġett katastali, il-Greċja teħtieġ ukoll li tiffinalizza l-immappjar katastali, l-operazzjonalizzazzjoni tal-aġenzija katastali, u r-ratifika tal-mapep tal-foresti li jkopru l-pajjiż kollu.

¹⁹ Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1).

- (27) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Greċja qed tiffaċċja għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mal-kura tas-saħħa. Il-ħlasijiet mill-but fil-Greċja għadhom għoljin u jammontaw għal aktar minn terz tal-infiq totali fuq il-kura tas-saħħa (35 %) ²⁰. Dawn huma fil-biċċa l-kbira marbuta ma' kopagamenti farmaċewtiċi u pagamenti diretti għal servizzi barra l-pakkett tal-benefiċċji. Min-naħa l-oħra, dan huwa marbut ma' dak li għadu relattivament għoli (meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni) għall-infiq pubbliku fuq il-farmaċewtiċi u mal-infiq relattivament baxx (meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni) fuq il-kura terapewtika, speċjalment fuq pazjenti ta' barra. Sistema tal-kura tas-saħħa primarja li tiffunzjona tajjeb li tkopri l-popolazzjoni kollha u b'funzjoni effettiva ta' gwardjan tista' żżid l-effiċjenza u l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi tal-kura tas-saħħa. F'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni sħiħa tal-emendi tas-sistema tal-kura tas-saħħa primarja li huma mistennija li jiġu adottati fil-kuntest ta' sorveljanza msaħħa ser tkun kritika għal sistema tal-kura tas-saħħa li tiffunzjona tajjeb. Ir-riforma ssegwi sforzi preċedenti biex tiġi stabbilita sistema tal-kura tas-saħħa primarja komprensiva, li madankollu ltaqgħu ma' sfidi ta' implimentazzjoni. Għal dan il-għan, l-espansjoni tal-istokk tat-tobba tal-familja biex tinkiseb kopertura sħiħa tal-popolazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-popolazzjoni, ser tkun kruċjali biex jiġi żgurat aċċess adegwat u ugwali għall-popolazzjoni.
- (28) Bi tweġiba għall-mandat tal-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Unjoni, stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles, il-proposta tal-Kummissjoni għal pjan REPowerEU għandu l-għan li jelimina gradwalment id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili mir-Russja malajr kemm jista' jkun. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni biħsiebha tidentifika l-aktar proġetti, investimenti u riformi xierqa fil-livell nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni fi djalogu mal-Istati Membri. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili, u jmexxu l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili 'l bogħod mir-Russja.

²⁰ Ċifri mill-2019 u parti mill-Istat tas-Saħħa fl-UE, il-Greċja: Profil tas-Saħħa tal-Pajjiż, OECD, 2021 (<https://www.oecd.org/health/greece-country-health-profile-2021-4ab8ea73-en.htm>).

(29) Skont id-data tal-2020, iż-żejt u l-gass jammontaw għal 50 % u 24 % tat-taħlita tal-enerġija tal-Greċja, rispettivament. Id-dipendenza tal-Greċja fuq ir-Russja kemm għall-importazzjonijiet taż-żejt²¹ kif ukoll tal-gass tagħha hija kemxejn taħt il-medja tal-Unjoni bi 18 % meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni ta' 26 % għaż-żejt grezz u 39 % meta mqabbla ma' 44 % rispettivament għall-gass²². Sebgħa u tmenin fil-mija (87 %) tal-importazzjonijiet tal-faħam tagħha jiġu mir-Russja, iżda domestikament tikseb ammont kbir ta' linjite. Biex tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-gass mir-Russja u tiddiversifika t-taħlita tal-enerġija tagħha lil hinn mill-fjuwils fossili, inkluża l-kisba tal-impenn tagħha li telimina gradwalment il-produzzjoni kollha tal-elettriku bbażata fuq il-linjite sal-2028, għadd ta' azzjonijiet jistgħu jiġu segwiti aktar li jibnu u jmorru lil hinn mill-investimenti u r-riformi li huma parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Greċja. Il-Greċja tista' taċċellera l-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli u tħaffef l-istabbiliment ta' pjattaforma tas-suq organizzata li tiffaċilita ftehimiet bilaterali dwar ix-xiri tal-kapaċità għall-elettriku rinnovabbli. L-għoti ta' permessi għal riformi inklużi fil-pjan tal-Greċja għall-irkupru u r-reżiljenza ser inaqqas l-ostakli għall-investimenti fis-settur tal-enerġija rinnovabbli. Hemm lok li l-Greċja tibda tiżviluppa l-infrastruttura tal-idroġenu, b'mod partikolari fil-portijiet Griegi, biex tiffaċilita t-trasport tal-idroġenu. L-investimenti infrastrutturali ppjanati mill-operaturi tan-network jistgħu jitħaffu u jitwessgħu fl-ambitu, b'mod partikolari l-installazzjoni tas-substazzjonijiet. Barra minn hekk, iż-żmien medju meħtieġ mill-operaturi tan-network biex jipproċessaw u jiffinalizzaw it-termini ta' konnessjoni għal installazzjonijiet ġodda ta' enerġija rinnovabbli jista' jitnaqqas. Interkonnessjonijiet addizzjonali tal-elettriku ma' pajjiżi ġirien jippermettu żieda fl-enerġija rinnovabbli li għandha tittieħed mill-grilja. Jenħtieġ li l-Greċja taċċellera d-diversifikazzjoni tar-rotot tal-gass billi tlesti malajr l-investimenti eżistenti f'fażi avvanzata.

²¹ Eurostat (2020), is-sehem tal-importazzjonijiet Russi fuq l-importazzjonijiet totali ta' żejt grezz. Għall-medja tal-UE-27, l-importazzjonijiet totali huma bbażati fuq importazzjonijiet barra l-UE-27. Għall-Greċja, l-importazzjonijiet totali jinkludu l-kummerċ intra-UE. Iż-żejt mhux raffinat ma jinkludix prodotti taż-żejt raffinat. Sehem importanti tal-importazzjonijiet totali taż-żejt tal-Greċja huwa materja prima tar-raffineriji. Il-Greċja tiddependi ħafna fuq l-importazzjonijiet Russi għal dawn, b'86 % tal-importazzjonijiet totali tal-materja prima tar-raffineriji ġejjin mir-Russja.

²² Eurostat (2020), is-sehem tal-importazzjonijiet Russi fuq l-importazzjonijiet totali ta' gass naturali u faħam iebes. Għall-medja tal-UE-27, l-importazzjonijiet totali huma bbażati fuq importazzjonijiet barra l-UE-27. Għall-Greċja, l-importazzjonijiet totali jinkludu l-kummerċ intra-UE. Iż-żejt mhux raffinat ma jinkludix prodotti taż-żejt raffinat.

Huwa rrakkomandat li investimenti ġodda fl-infrastruttura u fin-networks relatati mal-gass ikunu validi għall-futur meta possibbli, sabiex tiġi ffaċilitata s-sostenibbiltà fit-tul tagħhom permezz ta' adattament futur għal fjuwils sostenibbli. Il-Greċja tista' wkoll tespandi l-ambitu u l-ambizzjoni tal-miżuri eżistenti għall-iffrankar tal-enerġija u tnaqqas il-livell għoli ta' faqar enerġetiku (17,1 % fl-2020), inkluż bl-użu ta' fondi tal-politika ta' koeżjoni, fejn xieraq, pereżempju, biex jiġi rinnovat l-istokk tal-bini. L-ostakli eżistenti tas-suq li jillimitaw l-ambitu tar-rinnovazzjonijiet għal segmenti speċifiċi jistgħu jittaffew permezz ta' inċentivi leġiżlattivi u finanzjarji mmirati. Biex il-Greċja tkun konformi mal-oġġettivi "Lesti għall-mira ta' 55 %", ser tkun meħtieġa żieda ulterjuri fl-ambizzjoni fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra kif ukoll żieda fl-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. Barra minn hekk, hemm bżonn li titthaffef id-dekarbonizzazzjoni fis-settur tat-trasport, li għadu dipendenti ħafna fuq iż-żejt, billi tiġi promossa l-mobilità sostenibbli, inkluż it-trasport pubbliku u l-proġetti ferrovjarji.

- (30) Filwaqt li l-aċċellerazzjoni lejn in-newtralità klimatika u lil hinn mill-fjuwils fossili ser toħloq spejjeż sinifikanti ta' ristrutturar f'diversi setturi, il-Greċja tista' tagħmel użu mill-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni biex ittaffi l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni fir-reġjuni l-aktar milquta. Barra minn hekk, il-Greċja tista' tagħmel użu mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³, biex ittejjeb l-oportunitajiet ta' impjieg u ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali.
- (31) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 u l-opinjoni tiegħu²⁴ hija riflessa fir-Rakkomandazzjoni (1).

²³ Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

²⁴ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

- (32) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-Rakkomandazzjoni tal-2022 dwar iż-Żona tal-Euro. Għall-Greċja, dan huwa rifless b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2).
- (33) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u tal-valutazzjoni tagħha, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2022. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet (1), (2) u (4). Ir-Rakkomandazzjonijiet (1) u (2) jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro tal-2022, b'mod partikolari l-ewwel, it-tieni u r-raba' Rakkomandazzjoni taż-Żona tal-Euro. Il-politiki fiskali msemmija fir-Rakkomandazzjonijiet (1) u (2) jgħinu biex jiġu indirizzati, fost l-oħrajn, l-iżbilanċi marbuta mad-dejn għoli tal-gvern u r-riekwilibriju estern mhux komplut, filwaqt li jiffaċilitaw ukoll l-indirizzar tal-qgħad għoli u t-tkabbir potenzjali baxx. Il-politiki msemmija fir-Rakkomandazzjoni (4) jgħinu biex jiġu indirizzati, fost l-oħrajn, il-vulnerabbiltajiet marbuta ma' dejn estern għoli fit-tul.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li fl-2022 u fl-2023 il-Greċja tiegħu azzjoni biex:

1. Fl-2023, tiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi tillimita t-tkabbir tan-nefqa primarja kurrenti ffinanzjata nazzjonalment taħt it-tkabbir potenzjali tal-output fuq terminu medju, filwaqt li tqis l-appoġġ temporanju u mmirat kontinwu lill-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u lin-nies li jaħarbu mill-Ukrajna. Tkun lesta li taġġusta l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qed tevolvi. Tespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija billi tqis l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni. Għall-perjodu ta' wara l-2023, issegwi politika fiskali mmirata lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u tiżgura tnaqqis kredibbli u gradwali tad-dejn u sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju permezz ta' konsolidazzjoni gradwali, investment u riformi. Tibni fuq ir-riformi mwettqa bħala parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, ittejjeb kemm is-sistema tat-tassazzjoni tiffavorixxi l-investment billi tintroduċi sistema ta' deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem b'firxa usa' u tirrieżamina l-istruttura tal-piż tat-taxxa fuq dawk li jaħdmu għal rashom. Tissalvagwardja l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika filwaqt li tiżgura li tkun tista' tattira l-ħiliet it-tajba u tippreserva l-konsistenza mal-grilja tal-pagi unifikata.
2. Tipproċedi bl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021. Tiffinalizza malajr in-negożjati mal-Kummissjoni fuq id-dokumenti ta' programmar tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 bil-ħsieb li tibda l-implimentazzjoni tagħhom. Tlesti r-riformi pendenti li ġew segwiti taħt sorveljanza msaħħa, inkluż ir-riforma tal-katast.

3. Bil-ħsieb li jiġi żgurat aċċess adegwat u ugwali għall-kura tas-saħħa, tlesti t-tnedija tar-riforma tal-kura tas-saħħa primarja f'konformità mal-qafas emendat taħt sorveljanza msaħħa, inkluż il-persunal tal-unitajiet kollha tal-kura tas-saħħa primarja, l-implimentazzjoni tar-reġistrazzjoni sħiħa tal-popolazzjoni u l-introduzzjoni ta' gwardjani effettivi mit-tobba tal-familja.
4. Tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili, u tiddiversifika l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili billi taċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-iżvilupp ta' infrastruttura li jiffaċilitaw l-idroġenu rinnovabbli. Tindirizza wkoll id-dipendenza billi tiżgura kapaċità suffiċjenti tan-networks u l-interkonnnessjonijiet tal-elettriku kif ukoll l-interkonnnessjonijiet tal-gass u tiddiversifika r-rotot tal-provvista tal-gass. Issaħħaħ il-qafas tas-suq tas-servizzi tal-enerġija u żżid l-miżuri li jsaħħu l-effiċjenza enerġetika permezz ta' riformi u inċentivi tas-suq biex tiġi appoġġata d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-bini u tas-settur tat-trasport, b'mod partikolari billi tiġi promossa l-mobilità elettrika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President